Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
Tel : (+356) 2137 2111 Fax : (+356) 2137 2555
Web page : www.pembroke.gov.mt
e-mail : pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
Tel : (+356) 2137 2111 Fax : (+356) 2137 2555
Web page : www.pembroke.gov.mt
e-mail : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16/2018 (Laqgħa tal-lokalita')

**It-Tlieta 4 ta' Diċembru, 2018**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-6.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Charles Cesare – Kunsillier
Désirée Vella Brincat - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Mark Causon – Kunsillier **(Dok. 1)**

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
L-Avv. Peter Fenech – Avukat tal-Kunsill
Joseph Saliba – Perit tal-Kunsill
Romina Perici Ferrante – Accountant tal-Kunsill
Raphael Carabott – Contracts Manager
Numru ta' residenti **(Dok. 2)**

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

16.1.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Mark Causon kien talab li jiġi skużat minħabba li kien imsiefer fuq xogħol. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaċċetta din l-ittra t'apoloġija. **(Dok. 1)**

16.1.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

16.1.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 16.2 Rapport ta' ħidma għas-sena 2018.

16.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta r-rapport ta' ħidma għas-sena 2018. **(Dok. 3)**

## 16.3 Estimi Finanzjarji 2019.

16.3.1 Is-Sindku Dean Hili stieden lill-Accountant tal-Kunsill Mrs. Romina Perici Ferrante biex tagħti spjega tal-Estimi Finanzjarja għas-Sena 2019. **(Dok. 4)**

## 16.4 Mistoqsijiet u suġġerimenti.

16.4.1 Is-Sindku Dean Hili talab lir-residenti biex iressqu l-ilmenti u s-suġġerimenti tagħhom.

16.4.2 Is-Sur Edmond Sciberras ilmenta li fi Triq Bice Mizzi Vassallo qed ikun hemm persuni li jipparkjaw bl-addoċċ speċjalment waqt il-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal tal-iskola. Is-sinjur ilmenta li l-Uffiċjali tal-Komunità' qatt ma jkunu fuq il-post inkluż li hemm tabella tar-residential parking hija mgħottija bis-siġar. Staqsa ukoll jekk huwiex possibbli li l-ġbir tat-tankijiet tas-separazzjoni tal-iskart li qed iqassmu Wasteserv, jitqassmu mill-lokal ukoll

16.4.3 Il-Kunsillier Charles Cesare rrimarka li dawn ir-reċipjenti jistgħu jinġabru ukoll mill-faċilita' tal-Magħtab.

16.4.4 Is-Sindku Dean Hili rrimarka li l-Kunsill għamel u ser ikompli jagħmel pressjoni mal-LESA biex tiżdied ir-ronda. Dwar il-kontenituri ta' Wasteserv, irrimarka li l-Kunsill qed jikkomunika ukoll mal-Kunsill Lokali Swieqi dwar il-possibilità li Wasteserv jipprovdu servizz mill-Pembroke P&R.

16.4.5 Is-Sur Joe Grech staqsa jekk huwiex possibbli li tiġi rranġata l-bankina ta' Triq Alamein.

16.4.6 Is-Sindku Dean Hili rrimarka li l-Kunsill diġà approva li din ser tiġi rranġata u bħalissa l-Kunsill qed jara kif l-aħjar tista' ssir.

16.4.7 Is-Sur Louis Zarb staqsa fejn jista' jivverifika kif għandu jissepara l-iskart.

16.4.8 Il-Kunsillier Charles Cesare irrakkomanda li s-sinjur jikkomunika ma' Wasteserv.

16.4.9 Is-Sinjura Mary Salafia staqsiet jekk fuq is-sit Natura2000 huwiex ser jitkompla l-fence fejn qed isir l-abbuż. Staqsiet ukoll dwar il-ġbir ta' bozoz użata u mediċina u jekk dawn jistgħux jinġabru mill-Kunsill.

16.4.10 Is-Sindku Dean Hili rrimarka li dwar il-fence tas-sit Natura2000 ix-xogħol għadu għaddej u hemm proċess biex kull aċċess fuq is-sit jingħalaq. Irrimarka li dwar il-mediċina ser ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-bins li suppost ser jitqassmu fil-futur ukoll minn Wasteserv. Dwar il-bozoz irrimarka li għandhom jiġu depożitati fis-civic aminity site.

16.4.11 Is-Sur Joe Vella Brincat staqsa għala l-grada li twaħħlet biex jingħalaq l-aċċess fuq iż-żona Natura2000 off Triq Dun Amabile Sisner, ma saritx eżatt wara l-kamra tad-dawl, fejn kien ikun ferm aħjar.

16.4.12 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li x-xogħol sar mill-AFM u mhux mill-Kunsill.

16.4.13 Is-Sur Raphael Cauchi irrimarka li l-problema ta' parking bl-addoċċ hija ukoll fi Triq il-President Anton Buttiġieġ, liema problema hija matul il-ġurnata kollha, filgħodu minħabba l-iskejjel u filgħaxija minħabba l-attivitajiet li jorganizzaw fl-iskola sports. Irrimarka l'illum stess kien hemm l-Uffiċjali tal-Komunità u m'għamel xejn. Irrakkomanda li l-Kunsill jikkomunika ma' skola sport biex jagħmlu użu mis-sit tal-Pembroke P&R.

16.4.14 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li l-Kunsill ħa nota tal-kumment.

16.4.15 Is-Sinjura Miriam Gauci ilmentat li d-dawl ta' Site A5 – A11 Triq Pietru D'Armenia dejjem ikun mitfi.

16.4.16 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg irrimarka li jkun mitfi jekk il-floodlights temporanja li hemm fuq il-bjut jagħtu għal isfel ikunu ntfew mir-residenti stess.

16.4.17 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata għat-18 ta' Diċembru 2018 fil-5:30pm.

Konfermati, llum 18 ta' Diċembru, 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Dok 1

## Pembroke Local Council at Local Councils

**From:** mark causon <causonmark@hotmail.com>
**Sent:** 30 November 2018 12:20
**To:** Pembroke Local Council at Local Councils; Causon Mark at MESDC-PARK; Cesare Charles at Cleansing and Maintenance; 'Charles Cesare - 2'; Hili Dean at Local Councils; 'Dean Hili'; Borg Kevin at Local Councils; Lanzon Raymond at Local Councils; 'Ray Lanzon'; 'desiree@vellabrincat.com'
**Subject:** RE: Laqgha tal-Kunsill 16/K8/2018 (Locality meeting)

Please register me as excused since I will not be in Malta.
Regards
Mark

---

**From:** Pembroke Local Council at Local Councils [mailto:pembroke.lc@gov.mt]
**Sent:** 28 November 2018 09:42
**To:** Causon Mark at MESDC-PARK <mark.causon@gov.mt>; Cesare Charles at Cleansing and Maintenance <charles.cesare@gov.mt>; 'Charles Cesare - 2' <cesarec66@gmail.com>; Hili Dean at Local Councils <dean.hili@gov.mt>; 'Dean Hili' <deahili@gmail.com>; Borg Kevin at Local Councils <kevin.a.borg@gov.mt>; Lanzon Raymond at Local Councils <raymond.a.lanzon@gov.mt>; 'Mark Causon' <causonmark@hotmail.com>; 'Ray Lanzon' <raymondlanzonpembrokecouncil@gmail.com>; 'desiree@vellabrincat.com' <desiree@vellabrincat.com>
**Subject:** Laqgha tal-Kunsill 16/K8/2018 (Locality meeting)

Lill-membri kollha tal-Kunsill

Anness qed nibgħat kopja ta' dokumenti li ser jiġu preżentati u / jew diskussa fil-laqgha li jmiss.

Tislijiet,

Kevin Borg
Executive Secretary
Local Council Pembroke
Administration

t +356 21372111 e kevin.a.borg@gov.mt
www.localgovernment.gov.mt | www.publicservice.gov.mt
Valletta 2018 - European Capital of Culture www.valletta2018.org
*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

MINISTRY FOR JUSTICE,
CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT
PEMBROKE LOCAL COUNCIL, TRIQ ALAMEIN,
PEMBROKE, MALTA

Kunsill Lokali
Pembroke
30 NOV 2018
46/3274/18/T

Dok 2

# Laqgha tal-lokalita' 04/12/2018

| Isem | Kunjom | Indirizz | Mobile | Firma |
|---|---|---|---|---|
| JOE | BRECHA | DOOR. B. FLAT. 5. JUNO FLATS | 99882408 | [signature] |
| EDMOND | SCIBERRAS | BLK-B/FL3/ BIC6 MIZZI VASSALLO | 79372912 | [signature] |
| LOUIS | ZARB | DOOR-C. FLAT 3. JUNO FLATS | 99249433 | Louis Zarb. |
| NOEL | ABELA | 208 Mode | 99237208 | [signature] |
| DOMINIC | Attard | 10 Angelo Portelli Str | 39833 8m | [signature] |
| Rose | Caudi | Blk 2 Flt 7 Triq il-Pres It Bldg Pembroke | 79057046 | Rose Caudi |
| Raphael | Caudi | " " — " " | 79057046 | [signature] |
| Michael | Camilleri. | 16, MONS. A. MIFSUD STR, | 99479278 | [signature] |
| HILI | CARMELO | 7 M. M. De Brincat STR | 99499096 | [signature] |
| HILI | Josette | " " | 99222105 | [signature] |

# Laqgha tal-lokalita' 04/12/2018

| Isem | Kunjom | Indirizz | Mobile | Firma |
|---|---|---|---|---|
| Maria | Farrugia | 12 Triq | 21372643 | M. Farrugia |
| Mariann | CAUCI | | | |
| JOHN | VELLA | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

Dok 3

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# 2018 – Rapport ta' ħidma mis-Sindku Dean Hili

Sinjuri,

Iż-żmien verament ma jistenna lil ħadd u llum għal darb'oħra ngħalqu sena oħra ta' xogħol mill-Kunsill Lokali. Okkażjoni ta' kull sena li sservi biex niltaqgħu ftit, ngħidu kelma bejnietna qabel il-festi, u nagħtu rendikont tax-xogħol illi jkun sar, inwieġbu ftit mid-domandi tagħkom, u nagħtu ħjiel dwar dak li jkun qiegħed jinħema – il-pjanijiet futuri tal-Kunsill, u l-isfidi li qiegħdin nanticipaw.

Bħal ma jaf kulħadd matul l-aħħar snin il-Kunsill ħa ħsieb jagħti ftit aktar prijorita` il-*bread and butter issues* u dawk l-aspetti tax-xogħol tagħna li l-aktar jinħass ta' kuljum. Għal snin sħaħ kien jinħass il-bżonn li l-Kunsill jagħti aktar prijorita` lit-tindif fil-lokalita`. Snin ta' servizz minn kuntratturi li evidentament kienu *understaffed* u mhux attrezzati biex jaqdu l-lokalita` waslitna f'punt fejn meta ħadna r-riedni tal-Kunsill konna waqajna lura mhux ħażin, u x-xogħol, meta titilqu – jirkbek.

Konna bdejna proċess sħiħ biex ħriġna t-tenders, għarbilna l-offerti – għażilna kuntratturi li dehrilna li setgħu, tal-anqas kellhom il-potenzjal u l-*manpower* biex jaqdu lil Pembroke. Matul l-aħħar snin issorveljajna x-xogħol tal-kuntratturi tal-knis, tal-ġbir tal-iskart, u dawk il-ħaddiema li jieħdu ħsieb il-ġonna, s-*soft areas* u xogħlijiet fuq żoni oħrajn li huma aktar marbuta mal-viżjoni estetika li rridu naraw fil-lokalita`.

Dawn l-individwi m'għandhomx xogħol faċli, u tal-isforzi tagħhom nirringrazzjawhom. Min-naħa l-oħra, il-kontinwita` li rajna matul l-aħħar snin, ir-relazzjoni li bnejna ma uħud minnhom, u l-fatt illi kien hemm ir-rieda li x-xogħol tagħhom ikun sorveljat bis-serjeta` sabiex nassiguraw li s-servizz provdut ikun l-aqwa possibbli, kienu strumentali sabiex akkwistajna r-riżultati mixtieqa.

Naħseb ilkoll naqblu li matul l-aħħar snin, il-kenniesa fit-toroq kienu aktar preżenti u l-livell ta' ndafa fil-lokalita` b'mod ġenerali kienet tajba ħafna. Il-manutenzjoni f'dak li kellu x'jaqsam mat-toroq urbana, dawk mhux urbana u s-soft areas fost xogħol ieħor, il-livell għal darb'oħra kien wieħed ukoll sodisfaċenti. Perfetti m'aħniex, anke għaliex ir-riżorsi a dispożizzjoni tal-Kunsill huma li huma, pero` dak li konna kapaċi nwiegħdu

huwa Kunsill li jaħdem bli għandu mingħajr ħela ta' riżorsi, jissorvelja x-xogħlijiet u jistenna mingħand dawk inkarigati biex jaħdmu favur l-interessi tal-lokalita` u r-residenti tagħha, jagħmlu hekk bl-akbar impenn u serjeta`

La semmejna l-kuntratturi li pprovdew is-servizzi tagħhom lil lokalita` matul l-aħħar sena, ma nistax ma nsemmix lil dawk illi jipprovdu s-servizz tal-ġbir tal-iskart. Kif jaf kulħadd, matul l-aħħar xhur assistejna għal tibdil fis-sistema tal-ġbir tal-iskart. Għal dan il-għan kellna nħejju ruħna, saret kampanja edukattiva u rajna li kulħadd ikun laħaq dera jiddisponi mill-iskart tiegħu minghajr ma jiddependi fuq l-*iskips* il-ħodor – kontenituri għal skart imħallat, anke qabel ma ddaħlet il-ġabra tal-iskart organiku.

Din id-deċiżjoni ħadniha b'sens ta' responsabbilita`, ma kienitx waħda faċli u mhux kulħadd forsi fehem dak li kien qiegħed jagħmel il-Kunsill. Illum naħseb li lkoll naqblu li d-deċiżjoni kienet waħda bżonjuża, deċiżjoni li qanqlet f'ħafna sens ta' responsabbilita` akbar dwar il-kuxjenza meħtieġa għas-separazzjoni xierqa tal-iskart. Konna nafu li ser naraw ftit ġimgħat iebsin, illum inħarsu lura u b'sodisfazzjon naraw li l-ammont ta' boroż li llum insibu fil-postijiet fejn qabel kien hemm l-*iskips* huwa a dirittura INQAS mill-ammont ta' boroż li konna nsibu barra mill-*iskips* meta dawn kienu fil-lokalita`.

Naturalment lkoll nduru lokalitajiet oħrajn matul il-ġranet tagħna. Dak li qed ngħid ma jgħoddx għal kull lokalita`. F'Pembroke pero`, l-assistenza li tajna lir-residenti tagħna matul il-kampanja edukattiva flimkien mal-impenn tal-kuntrattur li fehem l-eżigenzi tal-lokalita` f'żoni differenti li jeħtieġu servizz partikolari – partikolarment f'żoni ta' *Housing*, imma iżjed minn hekk, grazzi għall-kooperazzjoni tagħkom, is-sistema matul l-ewwel ġimgħat tagħha ma nistgħux nippretendu li tmur aħjar milli marret.

Dan kollu huwa xogħol li għamilnih b'dover lejkom u lejn il-lokalita`.

Min-naħa l-oħra u minbarra dan ix-xoghol kollu ma nistgħux ngħidu li l-aħħar sentejn ma kienux partikolari għal-lokalita' tagħna. Indubjament kienet waħda fejn il-politika lokali, u anke dik ċentrali f'dak li kellu x'jaqsam mal-lokalita` tagħna, qajmet ftit interess mhux ħażin. Ikun xi ftit inġust mar-realtajiet li affaċjajna matul l-aħħar xhur u snin jekk dan ir-rapport ma jagħtix rendikont ukoll tax-xogħol kollu li sar mhux biex intejbu l-lokalita`, pero` biex nippreservaw dak li llum jagħmilha dik li hi – dak li aħna nħobbu fil-lokalita` u li għandna nteress naraw li ma jintilifx kif forsi ġara f'lokalitajiet oħrajn madwarna.

Kien hemm min qalli li kont qiegħed nesaġera meta tkellimt dwar Pembroke f'intervista li tajt fil-*media* fejn għidt li konna ninsabu taħt assedju – minn ġewwa u minn barra. Konna għadna kif bdejna nisimgħu dwar il-pjanijiet li kellhom għal żona massiċċa kollha kemm hi verġni quddiem Triq Gabriel Henin, l-iskola Chiswick House

School, u ftit wara kellna nibdew nisimgħu ftit ftit dwar x'kellhom fi ħsibijiethom DB Group għaż-żona tal-ITS.

Dwar dan il-Kunsill kien minn ta' quddiem biex jiddefendi l-interessi tal-lokalita` u tar-residenti. Saru diversi laqgħat mal-iżviluppatur biex wassalna l-kummenti tagħkom, oħrajn pubbliċi, stqarrijiet u konferenzi għall-istampa, u konna vokali wkoll matul il-laqgħa pubblika fejn fiha ġiet diskussa l-applikazzjoni.

Rajna li niddefendu l-interessi komuni tar-residenti sal-aħħar tant illi l-Kunsill qiegħed jagħti l-appoġġ sħiħ – anke finanzjarju – fil-proċess tal-appell. Nifhmu li anke jekk il-permess jingħata, kellu jsir aktar sabiex jiġu mitigati uħud mill-aspetti problematiċi li għal żmien twil ilu jissolleva l-Kunsill, l-akbar minnhom marbuta mal-infrastruttura li trid isservi lil proġett. Dak li rajna u smajna bih sa llum, la jagħmel sens, u wisq anqas nantiċipaw li ser isolvi l-problemi li ser ikunu qegħdin jinħolqu.

Dan kollu naturalment waqt il-proċess kollu li l-Kunsill għadu qiegħed joġġezzjona għalih u ċioe` it-twaqqiegħ ta' djar għal żvilupp ta' appartamenti bla rażan li kollha ser ikunu qegħdin jitfgħu piż konsiderevoli fuq l-aspetti infrastrutturali u l-provvista tas-servizzi tal-lokalita` tagħna. Kwistjoni li okkupat lill-Kunsill f'diversi udjenzi u laqgħat l-Awtorita` tal-Ippjanar, rapporti, appelli u seduti għas-smiegħ li naturalment huma ta' piż finanzjarju għall-Kunsill. Bħal leġġenda ta' Trojja, l-attakki mhumiex ġejjien minn barra biss f'dan l-assedju. Minkejja kollox, fix-xhur li ġejjien qegħdin nistennew li jkollna deċiżjonijiet mill-bord tal-appell fi ħdan l-Awtorita` tal-Ippjanar – u din mbagħad għandha tiddetta d-destin tal-lokalita`.

Dwar dan is-suġġett il-Kunsill impenja ruħu bis-sħiħ. Nifhmu li l-lokalita` hija attrajenti u *in demand* għal diversi raġunijiet. Ir-residenti tagħna wkoll mgħandix dubju li jifhmu li l-Kunsill ftit għandu kontroll fuq l-iżvilupp li jseħħ fil-lokalita` u li hemm awtoritajiet ċentrali li jiddettaw id-destin tal-lokalita` tagħna. Madanakollu rajna li nimpenjaw ruħna bis-serjeta` sabiex nassiguraw ruħna li l-iżvilupp li jsir, minn tal-anqas, ikun jirrispetta l-liġijiet, il-pjan lokali u l-*policies* eżistenti.

Fis-snin li ġejjien nafu żgur b'żewġ proġetti kbar oħrajn li ser inkunu qegħdin nassistu għalihom. Sakemm inkun involut jiena fil-Kunsill, u nemmen li nista` nitkellem għal sħabi hawn ukoll, ser naraw li l-iżvilupp propost ikun jirrispetta l-lokalita` u l-liġijiet eżistenti. Dan nistgħu nwiegħduh. Il-ġlieda ma tieqafx hawn, fadal ħafna xogħol xi jsir, il-bini fuq art verġni għandu jiġi kkunsidrat biss bħala eċċezzjoni, u għandna nkomplu nsostnu li jkun fl-interess pubbliku. Bini ieħor fiż-żona tal-iżvilupp jeħtieġ naraw li jkun jirrispetta lil lokalita` u l-liġijiet. M'għadux sostenibbli li nutilizzaw sal-anqas pulzier tal-lokalita` u nagħmluha nsapportabbli għar-residenti tagħha.

Dawn il-proċessi nagħmluhom b'għożża lejn dak li jagħmel il-lokalita` tagħna dik li hi llum. Nippreferu nutilizzaw dawn ir-riżorsi, ħin u fondi f'tisbiħ fil-lokalita` pero` ngħiduha kif inhi, x'jiswa li jkollna ġonna sbieħ u nkomplu nitilfu art pubblika u spazji miftuħa għar-rikreazzjoni?

Wieħed minn dawn l-ispazji hija l-Picnic Area fi Triq Normandija. Din is-sena l-Kunsill għamel investivament konsiderevoli sabiex ġew installati bankijiet ġodda – tal-ħadid installati f'konki ġol-art. Kienet l-aktar soluzzjoni prattika li ħassejna li kellna a dispożizzjoni tagħna. Dawn kellhom jitfasslu, jinxtara l-materjal u jinħadmu skond l-ispeċifikazzjonijiet li talab il-Kunsill. Ridna soluzzjoni *vandal proof* u *theft proof* – dan wara inċidenti sfortunati ta' serq u vandaliżmu nsensat li rajna matul is-snin. Mil-lat l-ieħor ridna li dak li noħorġu bih ikun attrajenti. Intlaqgħu tajjeb u jidher li nħoloq il-bilanċ mixtieq.

Sar ukoll investimenti fiż-żona b'diversi arbli ta' dawl ġdid partikolarment fi Triq Anzio li taqsam parti tal-Picnic Area mill-oħra – triq iffrekwentata partikolarment minn żgħażagħ li llum nemnu li ġiet aktar sikura. Proġett illi kien jinħass il-ħtieġa tiegħu matul is-snin li ħadna sodisfazzjon nikkonkludu fl-aħħar xhur.

Il-Kunsill ħadem ukoll biex jippreserva l-karattru u l-valur ekoloġiku tas-sit Natura2000. Għal żmien twil konna naraw li nindukraw is-sit u niġbru tunnellati sħaħ ta' skart miż-żona pubblika imma wkoll miż-żona meqjusa privata għall-użu tal-AFM. Dehrilna li din is-sitwazzjoni kienet insostenibbli. Ma kienx jagħmel sens li l-Kunsill iqum nhar ta' Tnejn filgħodu jiġbor tunnellati sħaħ ta' skart wara l-BBQs u l-Picnics f'nofs ix-xagħri, u mbagħad jagħmel ġimgħa sħiħa jiġbor tunnellati oħrajn ta' skart anke tal-kostruzzjoni minn sit li fl-aħħar mill-aħħar huwa protett.

Kien għalhekk li fl-aħħar xhur uħud mill-aċċessi ngħalqu, għall-vetturi biss, mingħajr ma ngħalqet l-ebda triq li tagħti għall-bajjiet. B'hekk naqqasna l-opportunita` li volum ta' skart jidħol fis-sit filwaqt li s-sit kollu għadu aċċessibbli. Ingħalqu wkoll aċċessi llegali li nfetħu fuq is-sit mix-xagħri bi ħsara rreparabbli fuq il-flora u l-fawna. Dan kollu ser jieħu s-snin biex jirrepara ruħu. Il-Kunsill qiegħed jagħmel il-parti tiegħu, pero` rrid ngħid – neħtieġu aktar kooperazzjoni u azzjoni effettiva mill-awtoritajiet sabiex min fadal jisfida, jiġi penalizzat.

Ma nistax ma nsemmix f'dan ir-rapport l-avvenimenti fejn iltqajna bħala lokalita`. Qiegħed partikolarment nirreferi għall-attivitajiet ta' Jum Pembroke li din is-sena kienu ta' suċċess u għal darb'oħra l-Kunsill ħadem id f'id ma' Father Reuben Micallef, il-Kappillan, biex dawn ġew imtella` fuq iz-zuntier tal-Knisja biex infakkru għal darb'oħra Jum il-Lokalita` tagħna. Ma jkollniex wisq minn dawn l-opportunitajiet u nagħmlu tajjeb inżommu dan l-appuntament ta' kull sena.

Ma nistax ma nsemmix ukoll l-attivita` enormi tal-Halloween li saret fi Triq San Ġorġ Preca, attivita` oħra li kont tassew kburi biha fejn għal darb'oħra, l-komunita` ltaqgħet u ħadmet flimkien biex inħoloq tant ġid mid-donazzjonijiet ta' kull min attenda. Ma nistax ma nsemmix l-impenn enormi tar-residenti tat-triq li ħadmu qatigħ fuq din l-attivita`. Il-Kunsill ħass li wara li din rat it-twelid tagħha b'tant suċċess fis-sena preċedenti, din is-sena kien aktar kruċjali li nħejju ruħna b'aktar professjonalita` fl-aspett organizzattiv.

Ix-xorti riedet li tagħmel ix-xita ġurnata sħiħa dakinhar, u minkejja kollox, rajna numri kbar ta' tfal u ġenituri jattendu. Ħadna pjaċir naraw hekk, xhur sħaħ ta' preparamenti jilħqu l-qofol tagħhom u jiġġustifikaw is-siegħat ta' xogħol li jkun sar – u dan kollu filwaqt li nġabru flus għal Puttinu!

Festa tar-raħal m'ghandniex, pero` jidher li sirna l-aktar lokalita` sinonima mal-Halloween grazzi għal kontribut tar-residenti mgħejjun mill-impenn tal-Kunsill. Għandna opportunita` li din l-attivita` bl-għajnuna ta' kulħadd tkompli tikber u dan għandu jimla` lill-Kunsill bil-kuraġġ sabiex jara li dan l-attivita` li nibdet l-għeruq issa tkompli tagħmel il-frott.

Ma xtaqtx intawwal iżżejjed għalkemm stajt nitkellem magħkom dwar diversi inizjattivi - dawl ġdid, bankini, u xogħol iehor. Hemm ħafna xi tgħid pero` aktar minn xejn aktar, f'dan l-aħħar rapport tal-leġislatura, possibilment l-aħħar wieħed li ser inkun qiegħed nippreżenta lill-Kunsill bħala Sindku, xtaqt insemmi l-isfidi li għaddejna minnhom f'xhur riċenti, u dak li qiegħed illum nantiċipa li ser inkunu qieghdin inħarsu lejhom fis-snin li ġejjien bħala lokalita`.

Min-naħa l-oħra ma nistax nagħlaq mingħajr ma nsemmi l-ammont ta' laqgħat li l-Kunsill kellu fl-aħħar xhur ma' Infastructure Malta u Transport Malta dwar id-diversi proġetti pendenti. Qiegħed nitkellem partikolarment dwar ix-xogħol li huwa mistenni li jibda fix-xhur li ġejjien fi Triq Sant'Andrija, inkluż il-*junction* qrib iż-żona ta' San Patrizju, fejn il-Kunsill qiegħed jassisti lil TM bis-suġġerimenti u l-kummenti tiegħu, u xogħol ieħor ma' Infastructure Malta fejn finalment, l-istess entita` kkommettiet ruħha għar-rikostruzzjoni ta' Triq Gabriel Henin u Triq Burma, żewġ toroq li l-Kunsill ilu jinsisti mal-awtoritajiet ċentrali fuqhom u l'issa jidher li ser isiru.

Kif jaf kulħadd ukoll fil-preżent ninsabu għaddejjin bix-xogħol estensiv li dalwaqt ikun konkluż bil-kostruzzjoni ta' ġiebja u funtana fid-daħla tal-lokalita` proprju quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, proġett li mhux biss ser ikun qiegħed isebbaħ id-dħul tal-lokalita' imma wkoll jikkommemora 25 sena ta' xogħol mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

B'hekk wasalna biex nikkonkludu sena oħra ta' xogħol b'risq il-lokalita` u wara kollox, ir-residenti li jagħmluha ħajja. F'dan l-aħħar rapport tal-leġislatura nixtieq minn qalbi

nirringrazzja lill-Kunsilliera sħabi għad-drabi varji li sibthom ta' spalla biex mexxejna fuq dak li nkunu ddiskutejna, pero` anke għal dawk l-istanzi meta ma qbilniex – b'hekk jitwieldu ideat ġodda u aħjar u tal-kontribut tagħkom ngħidilkom grazzi. Viċi Sindku Raymond Lanzon, Kunsilliera Charles Cesare, Mark Causon, u Desiree Vella Brincat – grazzi.

Ma nistax ma nsemmix ukoll lil ħabiba tagħna Evelyn Vella Brincat li wara snin sħaħ ta' kontribut fil-Kunsill Lokali ġiet nieqsa matul l-aħħar sena. Il-kontribut tagħha fis-snin li fihom ħdimna flimkien minix ser ninsieh malajr. Ma qbilniex dejjem. Ngħiduha kif inhi, ma kienx faċli li taqbel dejjem ma' Evelyn għaliex kienet temmen fl-ideat tagħha u kienet tikkomunikahom tajjeb. Dan għamilha kunsilliera valida matul is-snin u xi ftit jew wisq, kull min ħadem magħha, ħa xi ħaġa lura.

Nirringrazzja wkoll minn qalbi lill-ħaddiema klerikali tal-Kunsill tax-xogħol tagħhom matul l-aħħar snin, Alison Grixti u Kirsty Xuereb Rizzo, immexxija tant tajjeb mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Kevin Borg. Nirringrazzjakom tal-kontribut tagħkom, partikolarment fl-attwar fil-ħin tad-deċiżjonijiet u d-direzzjonijiet maqbula mill-Kunsill.

Inħares 'l quddiem b'sens ta' ottimiżmu, u lura b'sens ta' sodisfazzjoni għal dak li wettaqt fis-snin li għaddew, u nwiegħed li nibqa` leali lejkom.

Grazzi,

**Avv. Dean Hili**
***Sindku***
**4 ta' Diċembru 2018**

Dok 4

# Pembroke
# Local Council

## Annual Budget
## For
## Financial Year
## 2019

# Table of Contents

| | |
|---|---|
| **Overview and Summary** | *Page 3* |
| **Budgeted Statement of Income and Expenditure** | *Page 4* |
| **Budgeted Statement of Affairs** | *Page 5* |
| **Cash Budget** | *Page 6* |
| **Detailed Estimates Of Income** | *Page 7* |
| **Detailed Estimates Of Expenditure** | *Page 8* |
| **Detailed Estimates Of Statement of Affairs** | *Page 10* |
| **Depreciation of Property, Plant and Equipment** | *Page 11* |

## Overview and Summary

**Income and Expenditure**

**Results for the Year 2018**

From the financial year ending 31st December 2018 bank balances are projected to end up with a positive balance of **€500,000.**

When Current Liabilities (Creditors and Accruals) and Inventory are taken into consideration, net available funds that can be spent will be in the region of **€350,000**. Of this amount there is €Nil which is already committed.

**Revenue for the Year 2019**

This year the Council will be allocated the sum of €485,069.00. It is also envisaged to have other income, €3,000.00 from permits, €100.00 sponsors, €3,600.00 LES administrative commissions and €120.00 from bank interest, for an overall total of **€491,889.00**.

**Expenditure for the Year 2019**

**The expenditure including payment of outstanding accounts is distributed on three key votes. These are: -**

**Wages and Salaries**

The Council is employing the full complement and is therefore allocating **19.90%** of all expenditure ie **€97,876.00**.

**Operations and Maintenance**

This vote will have an allocation of **69.99%** for a total amount of **€344,270.00**.

**Administration and Other Expenditure**

This vote will have an allocation of **6.70%** for a total amount of **€32,950.00**.

**Depreciation**

This vote will have an allocation of **3.41%** for a total amount of **€16,793.00**.

**Capital Expenditure**

Up to now no allocation was allocated and if Capital projects are done, said funds will come from the retained funds.

IFFIRMAT

Mayor

IFFIRMAT

Executive Secretary

## Budgeted Statement of Income and Expenditure

| DESCRIPTION | BUDGET Jan-Dec 2018 | FORECAST Jan-Dec 2018 | BUDGET Jan-Dec 2019 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € |
| **Income** | | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 434,463 | 440,671 | 485,069 | 50,606 | 44,398 |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 3,060 | 4,237 | 3,000 | (60) | (1,237) |
| Income raised from LES (3) | 4,233 | 4,113 | 3,600 | (633) | (513) |
| Investment Income (4) | 144 | 131 | 120 | (24) | (11) |
| Other Income (5) | 100 | 1,845 | 100 | - | (1,745) |
| **TOTAL** | **442,000** | **450,998** | **491,889** | **49,889** | **40,892** |
| **Expenditure** | | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 95,346 | 92,351 | 97,876 | 2,530 | 5,525 |
| Operations and Maintenance (7) | 284,098 | 210,634 | 344,270 | 60,171 | 133,635 |
| Administration (8) | 28,825 | 31,056 | 32,950 | 4,125 | 1,894 |
| Finance Cost (9) | - | - | - | - | - |
| Other Expenditure (10) | 33,731 | 194,187 | 16,793 | (16,938) | (177,393) |
| **TOTAL** | **442,000** | **528,228** | **491,889** | **49,889** | **(36,339)** |
| **Surplus / Deficit** | **0** | **(77,230)** | **0** | **0** | **77,230** |

## Budgeted Statement of Affairs

| DESCRIPTION | BUDGET as at 31 Dec 2018 | FORECAST as at 31 Dec 2018 | BUDGET as at 31 Dec 2019 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € |
| **Non-current Assets** | | | | | |
| Property, Plant and Equipment (16) | 309,452 | 95,705 | 78,912 | (230,540) | (16,793) |
| **Current Assets** | | | | | |
| Inventories (11) | 1,700 | 1,600 | 1,500 | (200) | (100) |
| Receivables (12) | 5,000 | 4,000 | 4,000 | (1,000) | (0) |
| Cash and Cash Equivalents (13) | 433,731 | 500,000 | 521,893 | 88,162 | 21,893 |
| **Total Current Assets** | **440,431** | **505,600** | **527,393** | **86,962** | **21,793** |
| **Current Liabilities (14)** | | | | | |
| Payables | 72,876 | 48,000 | 53,000 | (19,876) | 5,000 |
| Current portion of Long-Term Borrowings | - | - | - | - | - |
| **Total Current Liabilities** | **72,876** | **48,000** | **53,000** | **(19,876)** | **5,000** |
| **Net Current Assets** | 367,555 | 457,600 | 474,393 | 106,838 | 16,793 |
| **Non-current liabilities (15)** | 34,440 | - | - | (34,440) | - |
| **Net Assets** | **642,567** | **553,305** | **553,305** | **(89,262)** | **0** |
| **Reserves** | | | | | |
| Retained Funds | **642,567** | **553,305** | **553,305** | **(89,262)** | **0** |

## Financial Situation Indicator

| DESCRIPTION | BUDGET as at 31 Dec 2018 | FORECAST as at 31 Dec 2018 | BUDGET as at 31 Dec 2019 |
|---|---|---|---|
| | € | € | € |
| Current Assets | 440,431 | 505,600 | 527,393 |
| Current Liabilities | 72,876 | 48,000 | 53,000 |
| Total Long Term Liabilities | 34,440 | - | - |
| Commitments approved by Ministry | - | - | - |
| | 333,115 | 457,600 | 474,393 |
| Government Allocation | 434,463 | 440,671 | 485,069 |
| FSI | **76.67%** | **103.84%** | **97.80%** |

## Cash Budget

| DESCRIPTION | QTR 1 JAN-MAR 2019 € | QTR 2 APR-JUN 2019 € | QTR 3 JUL-SEP 2019 € | QTR 4 OCT-DEC 2019 € | TOTAL 2019 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **Cash Inflows** | | | | | |
| **Government cash inflows** | 121,267 | 121,267 | 121,267 | 121,267 | **485,069** |
| **Cash flows from Bye-Laws & L.N fees** | 750 | 750 | 750 | 750 | 3,000 |
| **Local Enforcement cash flows** | 900 | 900 | 900 | 900 | **3,600** |
| **Finance cash flows** | | | | | |
| Loan Proceeds | - | - | - | - | - |
| Investment income | 30 | 30 | 30 | 30 | **120** |
| | 30 | 30 | 30 | 30 | **120** |
| **Capital cash flow** | | | | | |
| Proceeds from disposal of assets | - | - | - | - | - |
| | - | - | - | - | - |
| **Cash received from EU funds** | - | - | - | - | - |
| **Cash received from Twinning** | - | - | - | - | - |
| **Cash from Community Services** | - | - | - | - | - |
| **Other Cash Inflows** | - | 100 | - | - | **100** |
| **TOTAL Inflows** | **122,947** | **123,047** | **122,947** | **122,947** | **491,889** |
| **Cash Outflows** | | | | | |
| **Personal Emoluments** | 24,469 | 24,469 | 24,469 | 24,469 | **97,876** |
| **Operations & Maintenance** | 86,068 | 86,068 | 86,068 | 80,968 | **339,170** |
| **Administration** | 8,238 | 8,238 | 8,238 | 8,238 | **32,950** |
| **Finance** | - | - | - | - | - |
| **Capital** | | | | | |
| Acquisition of property | - | - | - | - | - |
| Construction | - | - | - | - | - |
| Improvements | - | - | - | - | - |
| Special programmes | - | - | - | - | - |
| | - | - | - | - | - |
| | - | - | - | - | - |
| **Cash outflows re EU projects** | - | - | - | - | - |
| **Cash outflows re Twinning** | - | - | - | - | - |
| **Cash outflows re Community Services** | - | - | - | - | - |
| | - | - | - | - | - |
| | - | - | - | - | - |
| **TOTAL Outflows** | **118,774** | **118,774** | **118,774** | **113,674** | **469,996** |
| **SURPLUS / (DEFICIT)** | **4,173** | **4,273** | **4,173** | **9,273** | **21,893** |
| **Brought forward (Bank /Cash Bal.)** | **500,000** | **504,173** | **508,446** | **512,619** | **500,000** |
| **Carry forward** | **504,173** | **508,446** | **512,619** | **521,893** | **521,893** |

## *Detailed Estimates of Income*

| | DESCRIPTION | A BUDGET Jan-Dec 2018 € | B ACTUAL Jan-Sept 2018 € | C FORECAST Oct-Dec 2018 € | D (B+C) TOTAL Jan-Dec 2018 € | E BUDGET Jan-Dec 2019 € | F (E-A) VARIANCE Bud-Bud € | G (E-D) VARIANCE Bud-Act € |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Income** | | | | | | | |
| 1 | **Funds received form Cental Government:** | | | | | | | |
| | 0001 In terms of section 55 CAP 363 | 433,663 | 325,247 | 108,416 | 433,663 | 457,426 | 23,763 | 23,763 |
| | 0002-0004 In terms of section 58 CAP 363 | - | 2,348 | - | 2,348 | - | - | (2,348) |
| | 0005-0019 Other Income | 800 | 4,660 | - | 4,660 | 27,643 | 26,843 | 22,983 |
| | | **434,463** | **332,255** | **108,416** | **440,671** | **485,069** | **50,606** | **44,398** |
| 2 | **Bye-Laws & Legal Fees** | | | | | | | |
| | 0021-0025 Community Services | - | | | - | - | - | - |
| | 0026-0035 Income from Permits | 3,060 | 3,178 | 1,059 | 4,237 | 3,000 | (60) | (1,237) |
| | | **3,060** | **3,178** | **1,059** | **4,237** | **3,000** | **(60)** | **(1,237)** |
| 3 | **Local Enforcement Income** | | | | | | | |
| | 0037 Commission from Regional Committees | 4,233 | 2,868 | 956 | 3,824 | 3,600 | (633) | (224) |
| | 0038-0055 Contraventions | - | 289 | - | 289 | - | - | (289) |
| | | **4,233** | **3,157** | **956** | **4,113** | **3,600** | **(633)** | **(513)** |
| 4 | **Investment Income** | | | | | | | |
| | 0091-0095 Bank interest | 144 | 98 | 33 | 131 | 120 | (24) | (11) |
| | 0096-0099 Income received from Government Securities | - | - | - | - | - | - | - |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| | | **144** | **98** | **33** | **131** | **120** | **(24)** | **(11)** |
| 5 | **General Income** | | | | | | | |
| | 0056-0065 Sponsorships | - | - | - | - | - | - | - |
| | 0066-0069 Documents & Information | - | - | - | - | - | - | - |
| | 0070-0075 EU Funds | - | - | - | - | - | - | - |
| | 0076-0080 Twinning | - | - | - | - | - | - | - |
| | 0081-0089 Insurance Claims | - | - | - | - | - | - | - |
| | 0100-0109 Donations | 100 | 100 | - | 100 | 100 | - | - |
| | 0110-0119 Contributions | - | 802 | - | 802 | - | - | (802) |
| | 0120-0129 General Income | - | 943 | - | 943 | - | - | (943) |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| | | **100** | **1,845** | **-** | **1,845** | **100** | **-** | **(1,745)** |
| | **Total** | **442,000** | **340,533** | **110,464** | **450,998** | **491,889** | **49,889** | **40,892** |

## *Detailed Estimates of Expenditure*

| DESCRIPTION | A<br>BUDGET<br>Jan-Dec<br>2018<br>€ | B<br>ACTUAL<br>Jan-Sept<br>2018<br>€ | C<br>FORECAST<br>Oct-Dec<br>2018<br>€ | D (B + C)<br>TOTAL<br>Jan-Dec<br>2018<br>€ | E<br>BUDGET<br>Jan-Dec<br>2019<br>€ | F (E - A)<br>VARIANCE<br>Bud-Bud<br>€ | G (E - D)<br>VARIANCE<br>Bud-Act<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 6 **Personal Emoluments** | | | | | | | |
| 1100 Mayor's Allowance | 7,464 | 5,605 | 1,868 | 7,473 | 7,584 | 120 | 111 |
| 1200 Employees' Salaries & Wages | 65,480 | 47,480 | 15,827 | 63,307 | 67,744 | 2,264 | 4,437 |
| 1300 Bonuses | 6,531 | 4,782 | 1,594 | 6,376 | 6,695 | 164 | 319 |
| 1400 Income Supplements | 380 | 285 | 95 | 380 | 380 | - | - |
| 1500 Social Security Contributions | 6,176 | 4,690 | 1,563 | 6,254 | 6,421 | 245 | 167 |
| 1600 Allowances | 6,400 | 4,698 | 1,566 | 6,265 | 6,400 | - | 135 |
| 1700 Overtime | 2,915 | 1,722 | 574 | 2,297 | 2,652 | (263) | 355 |
| | **95,346** | **69,263** | **23,088** | **92,351** | **97,876** | **2,530** | **5,525** |
| 7 **Operations and Maintenance** | | | | | | | |
| 2100-2149 Public Utilities | 6,450 | 2,594 | 865 | 3,459 | 3,133 | (3,317) | (326) |
| 2200-2259 Public Materials & Supplies | 400 | 245 | 82 | 327 | 300 | (100) | (27) |
| 2300-2399 Repairs & Upkeep | 86,219 | 18,625 | 6,208 | 24,834 | 131,250 | 45,031 | 106,416 |
| 2400-2449 Rent | 1,456 | 1,092 | 364 | 1,456 | 1,456 | - | (0) |
| 3010 Street Lighting | 8,000 | 4,652 | 1,551 | 6,203 | 8,000 | - | 1,797 |
| 3020 Lease of Equipment | - | | - | - | - | - | - |
| 3030 Insurance | 2,046 | 1,524 | 508 | 2,031 | 2,044 | (2) | 13 |
| 3035 Bank Charges | 250 | 163 | 54 | 218 | 200 | (50) | (18) |
| 3038 Penalties | - | | - | - | - | - | - |
| 3040 Waste Disposal | 26,400 | 24,056 | 8,019 | 32,075 | 26,400 | - | (5,675) |
| 3041 Refuse Collection | 36,362 | 25,346 | 8,449 | 33,794 | 52,101 | 15,739 | 18,307 |
| 3042 Bulky Refuse Collection | 13,200 | 9,552 | 3,184 | 12,736 | 14,400 | 1,200 | 1,664 |
| 3043 Bins on wheels | - | | - | - | - | - | - |
| 3045 Bring in sites | 200 | | - | - | 200 | - | 200 |
| 3051 Road & Street Cleaning | 19,429 | 14,677 | 4,892 | 19,570 | 20,429 | 1,000 | 859 |
| 3052 Cleaning & Maintenance of Non-Urban Areas | 18,262 | 13,102 | 4,367 | 17,469 | 19,262 | 1,000 | 1,793 |
| 3053 Cleaning of Public Conveniences | 6,285 | 4,085 | 1,362 | 5,447 | 4,524 | (1,761) | (923) |
| 3055 Cleaning of Council Premises | 2,400 | 1,578 | 526 | 2,104 | 2,400 | - | 296 |
| 3060 Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens | 17,055 | 12,791 | 4,264 | 17,055 | 16,856 | (199) | (199) |
| 3061 Cleaning & Maintenance of Soft Areas | 18,262 | 13,741 | 4,580 | 18,322 | 19,262 | 1,000 | 940 |
| 3062 Cleaning & Maintenance of Beaches & CA | - | | - | - | - | - | - |
| 3063 Cleaning & Maintenance of Country Non-Urban | - | | - | - | - | - | - |
| 3064 Other Contractual Services | 8,978 | 5,462 | 1,821 | 7,283 | 8,078 | (900) | 796 |
| 3070-3090 Consultation Fees | 2,000 | | - | - | 2,000 | - | 2,000 |
| 3100-3139 Contract & Project Management | - | | - | - | - | - | - |
| 3300-3379 Hospitality | 10,345 | 4,582 | 1,527 | 6,109 | 10,995 | 650 | 4,886 |
| 3380-3389 Community | 100 | 50 | 17 | 67 | 981 | 881 | 914 |
| 3600-3694 Local Enforcement Expenses | - | 58 | 19 | 78 | - | - | (78) |
| 3700-3799 EU Projects | - | | - | - | - | - | - |
| 3800-3899 Twinning | - | | - | - | - | - | - |
| | - | | - | - | - | - | - |
| | **284,098** | **157,976** | **52,659** | **210,634** | **344,270** | **60,171** | **133,635** |

## *Detailed Estimates of Expenditure (Continued)*

| DESCRIPTION | | A<br>BUDGET<br>Jan-Dec<br>2018<br>€ | B<br>ACTUAL<br>Jan-Sept<br>2018<br>€ | C<br>FORECAST<br>Oct-Dec<br>2018<br>€ | D (B + C)<br>TOTAL<br>Jan-Dec<br>2018<br>€ | E<br>BUDGET<br>Jan-Dec<br>2019<br>€ | F (E - A)<br>VARIANCE<br>Bud-Bud<br>€ | G (E - D)<br>VARIANCE<br>Bud-Act<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 | **Administration & Other Expenditure** | | | | | | | |
| 2150-2199 | Office Utilities | - | 849 | 283 | 1,131 | 3,317 | 3,317 | 2,186 |
| 2260-2299 | Office Materials & Supplies | - | 570 | 190 | 761 | 100 | 100 | (661) |
| 2450-2499 | Office Rent | - | | - | - | - | - | - |
| 2500-2599 | National & International Memberships | 1,400 | 422 | 141 | 563 | 1,100 | (300) | 537 |
| 2600-2699 | Office Services | 3,295 | 1,867 | 622 | 2,490 | 3,295 | - | 805 |
| 2700-2799 | Transport | 1,000 | 770 | 257 | 1,027 | 1,150 | 150 | 123 |
| 2800-2899 | Travel | - | | - | - | - | - | - |
| 2900-2999 | Information Services | 3,590 | 1,481 | 494 | 1,975 | 2,550 | (1,040) | 575 |
| 3050 | Office Cleaning | - | | - | - | - | - | - |
| 3140-3199 | Professional Services | 17,816 | 16,668 | 5,556 | 22,225 | 19,682 | 1,866 | (2,543) |
| 3200-3299 | Training | 500 | | - | - | 500 | - | 500 |
| 3345 | Office Hospitality | 1,000 | 664 | 221 | 886 | 1,000 | - | 114 |
| 3400-3499 | Incidental Expenses | 224 | | - | - | 256 | 33 | 256 |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| | | **28,825** | **23,292** | **7,764** | **31,056** | **32,950** | **4,125** | **1,894** |
| 9 | **Finance Costs** | | | | | | | |
| 3036 | Interest on Bank Loan | - | - | - | - | - | - | - |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| 10 | **Other Expenditure** | | | | | | | |
| 3500-3599 | Loss / (Profit) on Disposal of assets | - | - | - | - | - | - | - |
| 3695 | Increase/(Decrease) in allowance for bad debts | - | - | - | - | - | - | - |
| 8000-8099 | Depreciation | 33,731 | 190,189 | 3,998 | 194,187 | 16,793 | (16,938) | (177,393) |
| | | 33,731 | 190,189 | 3,998 | 194,187 | 16,793 | (16,938) | (177,393) |
| | **Total** | **442,000** | **440,720** | **87,508** | **528,228** | **491,889** | **49,889** | **(36,339)** |

## ***Detailed Estimates of Statement Of Affairs***

| | DESCRIPTION | A<br>BUDGET<br>Jan-Dec<br>2018<br>€ | B<br>ACTUAL<br>as at<br>30-Sep<br>2018<br>€ | C<br>FORECAST<br>changes from<br>30 Sep-31 Dec<br>2018<br>€ | D (B + C)<br>TOTAL<br>as at<br>31-Dec<br>2018<br>€ | E<br>BUDGET<br>Jan-Dec<br>2019<br>€ | F (E - A)<br>VARIANCE<br>Bud-Bud<br>€ | G (E - D)<br>VARIANCE<br>Bud-Act<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | **Inventory** | | | | | | | |
| 5201-5249 | Stationery | - | - | - | - | - | - | - |
| 5250-5299 | Consumables | 1,700 | 1,650 | (50) | 1,600 | 1,500 | (200) | (100) |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| | | **1,700** | **1,650** | **(50)** | **1,600** | **1,500** | **(200)** | **(100)** |
| 12 | **Receivables** | | | | | | | |
| 0201-0209 | Receivables | 4,000 | 1,441 | 559 | 2,000 | 2,000 | (2,000) | (0) |
| 0210-0219 | LES Receivables | - | | - | - | - | - | - |
| 0220-0229 | Receivables from EU | - | | - | - | - | - | - |
| 0250 | Prepayments & Accrued income | 1,000 | 1,827 | 173 | 2,000 | 2,000 | 1,000 | 0 |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| | | **5,000** | **3,268** | **732** | **4,000** | **4,000** | **(1,000)** | **(0)** |
| 13 | **Cash & Equivalents** | | | | | | | |
| 5001-5099 | Bank & Cash Balances | 433,731 | 534,395 | (34,395) | 500,000 | 521,893 | 88,162 | 21,893 |
| | | **433,731** | **534,395** | **(34,395)** | **500,000** | **521,893** | **88,162** | **21,893** |
| 14 | **Payables** | | | | | | | |
| 4000 | Payables | 8,500 | 16,083 | (83) | 16,000 | 18,000 | 9,500 | 2,000 |
| 4100 | Accruals | 59,876 | 31,868 | 132 | 32,000 | 35,000 | (24,876) | 3,000 |
| 4150 | Deffered Income | 4,500 | - | - | - | - | (4,500) | - |
| | Current portion of Long-Term Borrowings | - | | | - | - | - | - |
| | | - | - | - | - | - | - | - |
| | | **72,876** | **47,951** | **49** | **48,000** | **53,000** | **(19,876)** | **5,000** |
| 15 | **Non Current Liabilities** | | | | | | | |
| 4200 | Long Term Borrowings | - | - | - | - | - | - | - |
| | Deferred Income | 34,440 | | - | - | - | (34,440) | - |
| | | **34,440** | **-** | **-** | **-** | **-** | **(34,440)** | **-** |

## 16 Deprecition of Property, Plant and Equipment

| Asset | | Furn & Fittings | Office Equipment | Urban Improvements | Construction | Trees | Plant & Machinery | Special Programmes | New Street Signs | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| % of depreciation | | 8% | 20% | 10% | 10% | 0% | 20% | 10% | 100% | | |
| | | € | € | € | € | € | € | € | € | € | € |
| **Cost** | | | | | | | | | | | |
| As at 01 January | 2019 | 24,745 | 55,308 | 557,190 | 622,449 | 17,307 | 6,300 | 653,660 | 31,700 | - | **1,968,659** |
| Additions | | - | - | - | - | - | - | | | - | - |
| Disposals | | - | - | - | | - | - | | | - | - |
| As at 31 December | 2019 | 24,745 | 55,308 | 557,190 | 622,449 | 17,307 | 6,300 | 653,660 | 31,700 | - | **1,968,659** |
| **Grants/ other reimbursements** | | | | | | | | | | | |
| As at 01 January | 2019 | - | 7,352 | 222,414 | 51,423 | - | - | 653,923 | | - | **935,112** |
| Additions | | - | - | - | - | - | - | | | - | - |
| As at 31 December | 2019 | - | 7,352 | 222,414 | 51,423 | - | - | 653,923 | - | - | **935,112** |
| **Accumulated Deprecition** | | | | | | | | | | | |
| As at 01 January | 2019 | 18,502 | 40,451 | 291,245 | 549,907 | - | 6,300 | (263) | 31,700 | - | **937,842** |
| Charge for the year | | 2,627 | 314 | 6,415 | 7,437 | - | - | | | - | **16,793** |
| Released on disposal | | - | - | - | - | - | | | | - | - |
| As at 31 December | 2019 | 21,129 | 40,765 | 297,660 | 557,344 | - | 6,300 | (263) | 31,700 | - | **954,635** |
| **Budgeted NBV 31 Dec** | **2018** | 10,251 | 5,572 | 114,003 | 163,162 | 16,147 | 317 | 0 | 0 | 0 | **309,452** |
| **Forecasted NBV 1 Jan** | **2019** | 6,243 | 7,505 | 43,531 | 21,119 | 17,307 | - | - | - | - | 95,705 |
| **Bugeteded NBV 31 Dec** | **2019** | 3,616 | 7,191 | 37,116 | 13,682 | 17,307 | - | - | - | - | 78,912 |